IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru8 (tmienja) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 18 t' Ottubru, 2019, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**8.1. Item Nru 8.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

8.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.07pm u kulħadd kien preżenti

**8.2. Item Nru. 8.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

8.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija.

Korrezzjonijiet:
Minuti 7.3.4 – tiżdied il-frażi "f'żoni simentati"

Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati unanimament.

**8.3 Item Nru. 8.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 CCTV cameras - Is-Sindku s-Sur Neil Attard qal li saru rapporti għand il-Pulizija ta' tnejn minn nies. Il-proċedura tal-Pulizija hi li ma jistawx joħorġu taħrika mil-ewwel pero jistgħu iressqu li akkużat il-qorti u jitla xi ħadd mil-Kunsill biex jixhed bil-filmat.

Apparti hekk il-pulizija tista tagħti avviż biex l-akkużat ma jerġax imma jekk jerġa jagħmel l-azzjoni jiġi mħarrek mil-ewwel.

Hemm persuna mhux malti li kien regidiv u allura ser jitressaq.

Kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti ser ikomplu jiżdiedu f' postijiet oħra peress li l-kunsill ra li l-filmati huma sodisfaċenti.

8.3.2 Is-Sindku qal li għal clean up ta' nhar it-23 ta' Novembru ser isir poster u ser tieħu ħsieb id-disinn tiegħu il-Viċi Sindku Rosabelle Pulis. Il-ħin ser ikun fit-8am quddiem il-librerija.

8.3.3 Is-Sindku qal li ser issir talba mal-Wasteserv biex niċċekkjaw jekk nistgħux inżidu ġabra oħra tal-iskart organiku.

8.3.4 Is-Sindku qal li sar xogħol ta' żbir mil-ħaddiema assenjati sa fejn jilħqu pero għandna bżonn inqabbdu l-xi ħadd biex jiġi b'cherry picker u jsir il-kumplament tax-xogħol.

8.3.5 Is-Sur Attard tkellem fuq il-festa ta' San Martin u qal li din is-sena it-tfal bejn it-3 u l-10 snin se jerggħu jingħataw il-borża tradizzjonali. Apparti hekk, l-iskola, ser tittella play miktuba mill-kunsilliera Doris Borg li se tieħu ħsieb ir-rehearsal tagħha. Is-Sindku rringrazzja lil Doris Borg, lill-Kap tal-iskola u l-istaff.

8.3.6 Is-Sindku qal li issa li dieħel iż-żmien tal-Milied tajjeb li wieħed jagħmel programm għal attivitajiet.

Il-Kunsill qabel li jsir festin tal-Milied għaż-żgħar nhar is-27 ta' Diċembru mid-9.30am sa 12pm.

Apparti hekk isir Festin għax-Xgħajrin kollha nhar it-30 ta' Diċembru fis-7.30pm. Il-Kunsill qabel ukoll li inżejnu s-sala tal-Knisja b'ammont ta' €200.

8.3.7 Is-Sur Attard qal li is-sejħa għal librara għalqet u il-Malta Library qed jitolbu biex skond il-ftehim li għandna il-ħinijiet iridu jkunu 8 sigħat fil-ġimgħa pero aħna naħsbu li 4 sigħat biżżejjed. Għalhekk il-Kunsill qabel li nitolbu biex issir emenda fil-Kuntratt.

8.3.8 Is-Sindku tkellem fuq il-jogging track u qal li kellna laqgħa mal-Onor. Clifton Grima fejn sar qbil li sal-aħħar tas-sena tinħareġ is-sejħa għal offerti. Il-Kunsill bħalissa jinsab fl-istadju li jinbidel il-perit u għalhekk ser jibda jaħdem mal-perit il-ġdid fuq dan il-proġett.

8.3.9 Dwar il-pjanti tal-proġett tal-Multipurpose Hall u sports complex is-Sindku qal li għadna qed nistennew il-pjanti m'għand il-perit Charles Buhagiar.

8.3.10 Progett Gal Xlokk is-Sur Attard qal li minħabba li ser nagħmlu l-proġett ma' Sports Malta tal-Fort Park ma jistax ikun li nkomplu bil-Proġett tal-Gal Xlokk għalhekk sar qbil li nibgħatu ittra formali li ser nitterminaw il-proġett.

**8.4 Item Nru 8.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

8.4.1 Is-Sa. Doris Borg qalet li għall-żmien il-Milied tixtieq li ssir esebizzjoni ta' *crafts* wkoll apparti l-festin u staqsiet jekk hux possibli. Il-kunsill qabel ma' dan.

8.4.2 Is-Sa. Borg xtaqet li tittella' attivita ta' San Martin nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru fil-Baħrija. Kulħadd qabel li ssir u li l-Kunsill ser joħroġ l-ispiża tat-trasport.

Is-Sinjura Doris Borg talbet li tkun skużata mil-laqgħa minħabba impenji oħra fis-18.02.

8.4.3 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk jistgħux jitqassmu karti bl-informazzjoni tal-iskeda tal-iskart kif ukoll twissija li min ma josservax l-iskeda jista jiġi mħarrek.

8.4.4 Is-Sa Pulis staqsiet jekk il-cameras wara 6 xhur jistgħux jiġu imċaqalqa għal post ieħor. Apparti hekk jekk jistawx ikollhom aċċess tal-cameras mil-mobile il-Kunsilliera. Is-Sindku qal li ser jiċċekkja mal-installatur dwar ix-*shifting* imma dwar l-application tal-mobile irrisponda fil-pożittiv.

8.4.5 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk it-trakk tal-iskart jistax jibda jigbor kif suppost għaliex kien hemm każijiet li ġiet tard anke wara nofs in-nhar. Is-Segretarju qal li nhar ta' Tnejn l-ewwel jiġbor il-borża l-bajda imbgħad wara li jmur iħott jerġa jiġi. B'hekk il-ġbir jista jkun li jdum anke sa nofs in-nhar.

8.4.6 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistax ikollna rendikont finanzjarju ta' events li jsiru.

8.4.7 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk jistax jingħalaq il-bandli b'xatba tal-injam. Is-Segretarju qal li ser jiċċekkja x'hemm bżonn u nagħmluha.

8.4.8 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux nibdlu il-cameras tal-bandli għaliex mid-dehra mhux ta' kwalita tajba.

8.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux nibgħatu reminder lil Perit Buhagiar dwar il-pjanti l-ġodda u l-inklużjoni tal-Pitch tal-Boċċi.

IX-XGĦAJRA

**8.5 Item Nru. 8.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

8.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-miktub.

**8.6 Item Nru. 8.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

8.6.1 L-affarijiet meħtieġa ġew indirizzati fil-punti preċedenti.

**8.7 Item Nru. 8.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

8.7.1 Pagamenti b'numru 86 ġew approvati unanimament.

**8.8 Item Nru. 8.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

8.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**8.9 Item Nru. 8.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

8.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.03pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt